

# RAPPORT ANNWALI 2022

IS-SIMPLIFIKAZZJONI  
TAL-INFURZAR  
PERMEZZ TAL-  
KOOPERAZZJONI

SOMMARJU  
EŻEKUTTIV



edpb



European Data Protection Board

# INTRODUZZJONI

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Board, EDPB) huwa korp Ewropew indipendenti li nħoloq bir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (General Data Protection Regulation, GDPR), bl-għan li jiġura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-data fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Dan l-għan jilħqu permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji (AS) u l-ħruġ ta' gwida ġenerali fiż-ŻEE kollha li tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-data.

L-EDPB jinkludi l-Kapijiet tal-AS tal-UE u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Supervisor, EDPS). L-AS tal-pajjiżi taż-ŻEE (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) huma wkoll membri tal-EDPB, għalkemm ma għandhomx id-dritt li jivvutaw. Il-Kummissjoni Ewropea u – fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-GDPR – l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċċazzjoni Ewropea tal-Kummerċ

Ħieles għandhom d-dritt jieħdu sehem fl-aktivitajiet u fil-laqgħat tal-EDPB. L-EDPB huwa bbażat Brussell.

L-EDPB għandu Segretarjat, li huwa pprovdut mill-EDPS. Il-Memorandum ta' Qbil jiddetermina t-termini tal-kooperazzjoni bejn l-EDPB u l-EDPS.





## 1. 2022 – PUNTI EWLENIN

### 1.1. KOOPERAZZJONI FL-INFURZAR

L-EDPB għandu rwol importanti fl-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data. Dan jiżgura infurzar konsistenti u jippromwovi l-kooperazzjoni fl-infurzar fost l-Awtoritajiet Superviżorji. Fl-2022, ittieħdu bosta inizjattivi biex tiġi ssimplifikata l-kooperazzjoni fl-infurzar, bħal:

- għadd ta' task forces li jaħdmu fuq suġġetti importanti b'dimensjoni transfruntiera;
- mat-22 AS wettqu investigazzjonijiet ikkoordinati dwar madwar 100 servizz tal-cloud użati fis-setturi pubbliku fiż-ŻEE kollha; kif ukoll

- il-ħolqien ta' Grupp ta' Esperti ta' Appoġġ biex jappoġġaw u jżidu l-kapaċità tal-AS li jissorveljaw, jinvestigaw u jinfurzaw.

F'konformità mal-Istrateġja 2021–2023 tal-EDPB u bl-ġhan li jiżviluppa approċċ komprensiv u kollaborativ biex jindirizzaw il-kwistjonijiet relatati mal-infurzar tal-GDPR, il-Membri tal-EDPB itaqgħu fi Vjenna f'April 2022 u tennew l-impenn tagħhom għal kooperazzjoni transfruntiera mill-qrib. Id-Dikjarazzjoni li ntlaħaq qbil dwarha matul il-laqgħa enfasizzat l-azzjoni maqbula bejn il-Membri biex tissaħħa aktar il-kooperazzjoni dwar il-każżejjiet strateġiċi u biex tiġi ddiverifikasi l-firxa ta' metodi ta' kooperazzjoni użati biex jiġi għarantit l-infurzar b'saħħtu tal-GDPR.

Barra minn hekk, bil-ħsieb li jitrawmu interazzjonijiet effettivi bejn l-Awtoritajiet Superviżorji, l-EDPB u partijiet terzi, l-EDPB adotta l-Linji Gwida 02/2022 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 60 tal-GDPR.

L-għan huwa li tiġi pprovduta gwida dwar it-termini ta' kooperazzjoni u l-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz (One-Stop-Shop, OSS). Fil-prattika, dan jgħin l-ill-AS biex iwettqu l-proċeduri nazzjonali tagħhom b'mod li jikkonforma mal-kooperazzjoni taħt il-mekkaniżmu tal-OSS.

Fl-aħħar nett, l-EDPB, biex jarmonizza l-aproċċi użat mill-AS fil-kalkolu tal-multi, adotta l-ewwel verżjoni tal-[Linji Gwida 04/2022](#). Fil-linji gwida l-EDPB fassal metodoloġija sistematika u kronoloġika f'ħames stadiji li l-AS fiż-ŻEE jistgħu jużaw għall-kalkolu tal-multi amministrattivi għall-ksur tal-GDPR. Din il-ħidma tikkontribwixxi għal parti importanti mill-istratgeġja tal-EDPB biex tinħoloq kooperazzjoni aktar effiċċenti fost l-Awtoritajiet Superviżorji dwar każijiet transfruntieri.

### **1.2. ID-DEĊIJONI 01/2022 RIGWARD IT-TILWIMA LI QAMET DWAR L-ABBOZZ TA' DEĊIJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA FRANCIJA DWAR ACCOR SA SKONT L-ART. 65(1)(A) TAL-GDPR**

Fid-deċiżjoni 01/2022 tiegħu, l-EDPB solva tilwima dwar multa kontra l-kumpanija Franċiża tal-ospitallità AccorSA. L-awtorità Superviżorja Ewlenija Franċiża (Lead Supervisory Authority, LSA) ġarġet l-abbozz tad-deċiżjoni kontra Accor SA wara lmenti relatati man-nuqqas li jitqies id-dritt ta' oġġeżżoni għall-wasla ta' messaġġi kummerċjali bil-posta u/jew għad-diffikultajiet li jinqalgħu fl-eż-żejt tad-dritt ta' aċċess. L-EDPB iddeċċieda li l-LSA Franċiża kellha bżonn tivvaluta mill-ġdid l-elementi li bbażat ruħha fuqhom biex tikkalkula l-ammont tal-multi sabiex tiżgura li tissodisa l-kriterju ta' deterrent. B'rезультат ta' dan, il-multi tal-GDPR maħruġa lil Accor żdiedet mill-EUR 100 000 imposti l-ewwel mil-LSA Franċiża għal EUR 500 000 imposti wara d-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB.

### **1.3. ID-DEĊIJONI VINKOLANTI 2/2022 DWAR IT-TILWIMA LI QAMET DWAR L-ABBOZZ TA' DEĊIJONI TAL-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA IRLANDIJA RIGWARD META PLATFORMS IRELAND LIMITED (INSTAGRAM) SKONT L-ARTIKOLU 65(1)(A) TAL-GDPR**

L-EDPB adotta deċiżjoni vinkolanti bbażata fuq l-Artikolu 65 (1) (a) tal-GDPR, li fittxet li tindirizza l-politika ta' Instagram li jinżammu b'mod awtomatiku l-profilu pubbliċi tat-tfal u d-divulgazzjoni pubblika obbligatorja tad-dettalji ta' kuntatt tagħhom meta jintużaw il-kontijiet professionali. L-EDPB ikkonkluda li Instagram, unità ta' Meta Platforms Ireland Limited (Meta IE), ipproċessat mhux skont il-liġi d-data personali tat-tfal u tat istruzzjonijiet ukoll l-ILSA Irlandiża biex temenda l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha billi tinkludi l-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.

Wara d-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB, l-LSA Irlandiża adottat id-deċiżjoni finali tagħha kontra Meta IE. Ćie ddeterminat li Meta IE kienet kisret l-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Il-multa finali kienet il-massimu tal-firxa bejn il-EUR 202 miljun u l-EUR 405 miljun, li inizjalment kienet prevista fl-abbozz tad-deċiżjoni.

Id-Deċiżjoni vinkolanti 2/2022 tikkostitwixxi l-ewwel deċiżjoni fl-UE kollha dwar id-dritt tal-protezzjoni tad-data tat-tfal, u tagħmilha ċara li l-kumpaniji li jipproċessaw id-data tat-tfal iridu jieħdu prekawzjonijiet speċjali meta jwettqu dan.

**1.4. ID-DEĊIJONI VINKOLANTI  
3/2022 DWAR IT-TILWIMA  
MRESSQA MILL-AWTORITÀ  
SUPERVIŻORJA IRLANDIŻA  
RIGWARD META PLATFORMS  
IRELAND LIMITED U S-SERVIZZI  
TA' FACEBOOK TAGħHA (L-ART.  
65 GDPR) U D-DEĊIJONI  
VINKOLANTI 4/2022 DWAR  
IT-TILWIMA MRESSQA  
MILL-AS IRLANDIŻA RIGWARD  
META PLATFORMS IRELAND  
LIMITED U S-SERVIZZ TA'  
INSTAGRAM TAGħHA (L-ART. 65  
GDPR)**

L-EDPB adotta żewġ deċiżjonijiet vinkolanti abbażi tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, dwar il-legalità u t-trasparenza tal-attivitajiet ta' pproċessar ta' Facebook u ta' Instagram għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba. Id-deċiżjonijiet vinkolanti ġew adottati wara li l-AS Irlandiża (li taġixxi bħala LSA) skattat żewġ proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-oġġezzjonijiet imqajma mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati (CSAs).

L-EDPB ikkonkluda li fiż-żewġ każijiet, Meta IE ma kellhiex il-bażi ġuridika għall-ipproċessar u għaldaqstant kisret l-Artikolu 6(1) tal-GDPR. L-EDPB ta struzzjonijiet lill-AS Irlandiża biex tinkludi, fid-deċiżjonijiet finali tagħha ordni mogħtija lil Meta IE, biex fi żmien tliet xhur iġġib l-ipproċessar tagħha tad-data personali għar-reklamar li jagħraf l-imġiba, fil-kuntest tas-servizzi ta' Facebook u ta' Instagram, konformi mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.

Barra minn hekk, fir-rigward tad-data sensittiva, huwa ma qabilx mal-konkużjoni proposta tal-AS Irlandiża li Meta IE mhix legalment obbligata li tiddeċċi fuq il-kunsens biex twettaq l-attivitajiet ta' pproċessar, peress li dan ma setax jiġi konkuż b'mod kategoriku mingħajr investigazzjonijiet oħra. Għalhekk, L-EDPB iddeċċieda li l-AS Irlandiża trid twettaq investigazzjoni

ġdida. Barra minn hekk, l-EDPB ta struzzjonijiet lill-AS Irlandiża biex tinkludi fiż-żewġ deċiżjonijiet finali s-sejba tal-ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja, u tadotta l-miżuri korrettivi xierqa.

Fir-rigward tas-sanzjonijiet, l-EDPB sab li l-multi proposti ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżit ta' effettività, proporzjonalità u deterrent, u li jenħtieġ li tiġi imposta multa amministrattiva għall-ksur addizzjonali tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Dan wassal biex l-AS Irlandiża żiedet b'mod sinifikanti l-multi fid-deċiżjonijiet finali tagħha (minn massimu ta' EUR 36 miljun u EUR 23 miljun għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar Facebook u Instagram, għal EUR 210 miljun u EUR 180 miljun fid-deċiżjonijiet finali rispettivamente).

**1.5. ID-DEĊIJONI VINKOLANTI  
5/2022 DWAR IT-TILWIMA  
MRESSQA MILL-AS IRLANDIŻA  
RIGWARD WHATSAPP IRELAND  
LIMITED (L-ART. 65 GDPR)**

F'Diċembru 2022, l-EDPB adotta deċiżjoni vinkolanti li tindirizza inkesta bbażata fuq ilmenti dwar il-legalità u l-ġustizzja tal-ipproċessar ta' WhatsApp IE għal skopijiet ta' titjib tas-servizz. L-EDPB ikkonkluda li WhatsApp IE b'mod mhux xieraq iddependiet fuq kuntratt bħala bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali, u b'hekk kisret l-Artikolu 6 (1) tal-GDPR. Barra minn hekk, L-EDPB sostna li l-attivitajiet ta' WhatsApp IE kisru l-prinċipju ta' ġustizzja skont l-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR.

L-EDPB talab li l-AS Irlandiża twettaq investigazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' WhatsApp IE sabiex tiddetermina jekk din tipproċessax kategoriji speċjali ta' *data* personali (l-Artikolu 9 tal-GDPR); jekk tipproċessax id-data għall-finijiet ta' reklamar ibbażat fuq l-imġiba, għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll għall-forniment ta' metriċi lil partijiet terzi, u l-iskambju ta' *data* ma' kumpaniji affiljati għall-finijiet ta' titjib fis-servizzi.

F'termini ta' miżuri korrettivi, l-EDPB talab lill-AS Irlandiża biex fid-deċiżjoni finali tagħha tinkludi l-ordni mogħtija lil WhatsApp IE biex l-ipproċessar tagħha tad-data personali għall-finijiet tat-titjib fis-servizz tadattah fil-kuntest tat-Termini tas-Servizz tagħha f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR f'perjodu ta' żmien spċifikat, u biex tkopri l-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR b'multa amministrattiva.

---

Fl-aħħar nett, id-deċiżjonijiet vinkolanti tal-EDPB qed jiġu kkontestati fil-Qorti, u s-Segretarjat tal-EDPB qed iħejji d-difiża. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-QĠUE tas-7 ta' Diċembru 2022 iddikjarat li l-azzjoni għall-annullament imressqa minn WhatsApp Ireland Ltd (WhatsApp IE) kontra d-deċiżjoni vinkolanti 01/2021 tal-EDPB hija inammissibbli.

## 2. IL-BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA - L-ATTIVITAJIET FL-2022

Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fizi-ŻEE kollha, l-EDPB joħroġ gwida ġenerali biex jiċċara l-ligħiġiet Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data. Fl-2022, the l-EDPB adotta 12-il [linja gwida](#) u [rakkomandazzjonijiet](#) dwar suġġetti bħan-notifikasi ta' ksur tad-data personali, il-kodiċi tal-kondotta bħala għodod għat-trasferimenti, id-drittijiet tas-suġġetti tad-data, l-elementi qarrieqa, il-kalkolu tal-multi amministrattivi u l-implementazzjoni prattika tal-ftehim bonarju. Fost dawn il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet, l-EDPB adotta wkoll sitt dokumenti wara konsultazzjoni pubblika.

L-EDPB adotta wkoll tmien dokumenti leġiżlattivi indirizzati lill-istituzzonijiet tal-UE jew lill-awtoritajiet nazzjonali. Dan jinkludi erba' opinjonijiet kongħuti dwar l-abbozz ta' leġiżlazzjoni tal-UE, adottati flimkien mal-EDPS.

L-EDPB ġareġ opinjonijiet ta' konsistenza biex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR mill-AS nazzjonali. Fl-2022 ġareġ 32 opinjoni bħal dawn skont l-Artikolu 64 tal-GDPR. Dawn l-opinjonijiet kienu jikkonċernaw principally l-abbozzi tad-deċiżjonijiet dwar ir-Regoli Korporativi Vinkolanti u l-abbozzi tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni ta' korp ta' ċertifikazzjoni jew ta' korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta.

## 3. L-ATTIVITAJIET TAL-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA FL-2022

L-AS nazzjonali huma awtoritajiet pubbliċi indipendenti li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-protezzjoni tad-data. Huma għandhom rwol ewlieni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwi, speċjalment billi jeżerċitaw setgħat korrettivi. Is-sit web tal-EDPB jinkludi għadd ta' azzjonijiet superviżorji tal-AS li jirrigwardaw l-infurzar tal-GDPR fil-livell nazzjonali.

Barra minn hekk, l-EDPS iżomm [reġistru](#) tad-deċiżjonijiet meħuda mill-AS nazzjonali f'konformità mal-mekkaniżmu tal-OSS (l-Artikolu 60 tal-GDPR). Ir-reġistru huwa riżorsa siewja biex jintwera kif l-Awtoritajiet Superviżorji jaħdmu flimkien biex jinfurzaw il-GDPR. Dan joffri opportunità eċċeżżjonali biex jinqraw id-deċiżjonijiet finali relatati mad-drittijiet spċifici tas-suġġett tad-data meħuda minn AS differenti u li jinvolvuhom.

Ir-rapport tal-2022 jinkludi ġabra ta' każijiet tematiki biex jiġu analizzati d-deċiżjonijiet relatati mal-Artikolu 17 tal-GDPR (id-dritt għat-ħassir tad-data) u l-Artikolu 21 tal-GDPR (id-dritt ta' ogħejja).

### 3.1. IL-KOOPERAZZJONI TRANSFRUNTIERA

Wieħed mill-kompieti tal-AS huwa li jikkoordinaw it-teħid tad-deċiżjonijiet fil-każijiet tal-ipproċessar transfruntier tad-data.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 310 entrat fil-bażi tad-data, li 254 minnhom oriġinaw minn ilment, filwaqt li 56 kellhom oriġini oħra, bħal pereżempju investigazzjonijiet, obbligi legali u/jew rapporti tal-media.

Il-mekkaniżmu ta' Punt Uniku ta' Servizz (OSS) jitlob li jkun hemm kooperazzjoni bejn I-LSA u s-CSAs. L-LSA tmexxi l-investigazzjoni u taqdi rwol ewljeni fil-proċess biex jintlaħaq kunsens bejn is-CSAs, parti li taħdem biex tittieħed deċiżjoni kkoordinata. Bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 kien hemm 714-il proċedura ta' punt uniku ta' servizz, li rriżultaw fi 330 deċiżjoni finali.

Il-proċedura ta' assistenza reċiproka tippermetti li I-AS jitolbu informazzjoni mingħand AS oħrajn, jew jitolbu miżuri oħrajn għal kooperazzjoni effettiva, bħalma huma t-talbiet biex jitwettqu minn qabel awtorizzazzjonijiet u konsultazzjonijiet, ispezzjonijiet u investigazzjonijiet. Bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022, I-AS bdew 248 proċedura ta' assistenza reċiproka formali u 2924 proċedura ta' assistenza reċiproka volontarja.

## 4. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI

L-EDPB wettaq il-ħames stħarriġ annwali bħala parti mir-rieżami tiegħu tal-attivitajiet skont l-Artikolu 71(2) tal-GDPR. L-istħarriġ iffoka fuq il-ħidma u r-riżultati tal-EDPB fl-2022 – b'mod partikolari l-linji gwida, l-opinjonijiet konġunti u l-ħidma ta' konsultazzjoni tiegħu – biex jiddetermina l-utilità tal-gwida tiegħu għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR u biex jidentifika modi aħjar biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet u l-individwi fl-ittrattar tal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Fost l-individwi mistħarrġa kien hemm esperti tal-privatezza u tal-IT, rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-UPD tal-UE, kif ukoll akkademiċi u avukati fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-privatezza.

## 5. L-ISTRATEĠIJA U L-OBJETTIVI GĦALL-2023

Fis-sena li ġejja I-EDPB għandu l-għan li jieħu passi saħansitra akbar biex jitlestew l-azzjonijiet ewlenin li jappartjenu għall-erba' pilastri tal-**Istrateġija 2021–2023** tiegħu. Dan jinkludi: il-promozzjoni tal-armonizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-konformità (il-Pilastru 1), l-appoġġ għall-infurzar effettiv u l-kooperazzjoni effiċċienti bejn l-awtoritatijiet superviżorji nazzjonali (il-Pilastru 2), it-teħid ta' approċċ għad-drittijiet fundamentali marbutin ma' teknoloġiji ġoddha (il-Pilastru 3) u l-iżgurar ta' dimensjoni globali (il-Pilastru 4). F'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, fil-bidu ta' Frar 2023 I-EDPB żviluppa l-programm ta' ħidma tiegħu ta' sentejn għall-2023 u l-2024, ibbażat fuq l-Istrateġija tal-EDPB u l-ħtiġijiet identifikati mill-membri bħala priorità għall-partijiet ikkonċernati.



# **DETALJI TA' KUNTATT**

Indirizz postali  
Rue Wiertz 60, B-1047 Brussels

Indirizz tal-Uffiċċju  
Rue Montoyer 30, B-1000 Brussels